MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 154/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C 597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogat fid-drittijiet ta l-assikurat taghha Silvestro Gerada abbazi tal-polza ta assikurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Silvestro Gerada (ID432548M)**

**vs**

**Joseph Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Jannar 2005, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat jhallas lill-atturi s-somma ta' elf erba mija u disgha u ghoxrin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm1429.61) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Silvestro Gerada assikurat tas-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe u li ghalihom ghamlu

tajjeb kwantu ghall-ammont ta’ Lm1404.61 is-socjeta’ attrici Fogg Insurance u kwantu ghal Lm25 l-istess Silvestro Borg in linea ta’ excess payment bhala rizultat tal-incident stradali li sehh fid-9 ta’ Lulju 2004 ghal habta tad-9.20pm gewwa Triq Hal Tarxien, Zejtun bejn il-vettura proprjeta’ tal-attur Silvestro Borg bin-numru ta’ registrazzjoni KEV 023 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta’ registrazzjoni DBI 028 liema ncident sehh unikament bhala rizultat ta’ traskuragni, negligenza, mperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma’ dan l-avviz lis-socjeta’ assikuratrici Middle Sea Insurance plc u tal-mandati kawtelatorji wkoll prezentati kontestwalment ma’ l-istess avviz oltre bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta’ dana l-att sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma dehrux la fis-seduta tas-27 ta’ Ottubru 2005, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta’ elf erba mija u disgha u ghoxrin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm1429.61) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta’ dana l-att u bl-ispejjez ta’ dina l-istanza nkluzi dawk tal-precitata ittra ufficcjali u mandati kawtelatorji lkoll a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------